# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1086/2021**

## APS BANK PLC (C 2192)

**VS**

## DAVID NICHOLAS BUHAGIAR (KI 13895M)
**U MARTU**
## MARIA BUHAGIAR (KI 528577M)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Jannar 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għall-ħlas ta' bilanċ ta' debitu dovut lill-bank rikorrenti mill-intimati fl-ammont ta' mitejn u wieħed u sittin elf, disgħa u sittin Ewro u sittin ċenteżmu (€261,069.60), u interessi ulterjuri, permezz ta' rikors ta' APS Bank plc preżentata fl-erbgħa (4) ta' Novembru 2021;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fl-erbgħa (4) ta' Novembru 2021, Mario Victor magħruf bħala Marvic Gauci, għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' rikorrenti APS Bank plc ikkonferma s-segwenti bil-ġurament tiegħu:

   a. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jonathan Zammit tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena 2012[1], u kif ukoll permezz tas-*sanction letters* relattivi[2], il-Bank rikorrenti kkonċeda lill-intimati *in solidum* bejniethom faċilita' ta' *overdraft* taħt l-iskema *A-Plus Account* sas-somma ta' mitejn u ħamsa u sebgħin elf u mitejn u ħamsa u disgħin Ewro (€275,295), taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha imsemmija u pattwiti fl-istess kuntratt u *sanction letters*;

   b. Illi l-intimati jinsabu morużi u inadempjenti fl-obbligazzjonijiet u pagamenti minnhom pattwiti permezz tal-preċitat kuntratt notarili u s-*sanction letters* relattivi, u għalhekk kisru l-*"Events of Default"* stipulati u pattwiti fl-istess kuntratt u *sanction letters*;

   c. Illi in fatti l-intimati ġew interpellati diversi drabi sabiex jottemperaw ruħhom mal-obbligazzjonijiet u pagamenti minnhom assunti u pattwiti permezz tal-preċitat kuntratt notarili u s-*sanction letters* relattivi, iżda xorta waħda baqgħu inadempjenti u dana kif jirriżulta mill-ittri annessi mar-rikors ġudamentat immarkati bħala **Dokumenti D sa O**;

   d. Illi l-intimati ġew ukoll interpellati sabiex iħallsu l-bilanċ ta' debitu dovut permezz ta' ittra uffiċjali datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Awwissu 2021 u li ġiet notifikata lilhom fis-sebgħa (7) ta' Ottubru 2021[3], iżda xorta waħda baqgħu inadempjenti;

   e. Illi għalhekk l-intimati tilfu kull benefiċċju tat-terminu lilhom konċess;

[1] Vide **Dok A** anness mar-rikors ġuramentat.
[2] Vide **Dok B u Dok C** annessi mar-rikors ġuramentat.
[3] Vide **Dok P** anness mar-rikors ġuramentat.

f. Illi l-bilanċ ta' debitu dovut illum mill-intimati *in solidum* bejniethom lill-Bank rikorrenti, skont l-imsemmija faċilita', jammonta għas-somma ta' mitejn u wieħed u sittin elf u disgħa u sittin Ewro u sittin ċenteżmu (€261,069.60) dovuta in kwantu għas-somma ta' €252,998.87 bħala bilanċ ta' debitu ta' *Aplus Account* numru 2000118188-6[4] in kwantu għas-somma ta' €8,070.73 bħala bilanċ ta' debitu ta' *Interest Disposal Account* numru 3894631001-8[5], u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2021 sad-data tal-pagament effettiv;

3. Għaldaqstant il-Bank rikorrenti talab lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara illi l-intimati huma morużi u inadempjenti fil-konfront tal-Bank rikorrenti, u li għalhekk l-intimati tilfu kull benefiċċju tat-terminu lilhom konċess; u għalhekk

ii. Tikkundanna lill-intimati *in solidum* bejniethom iħallsu lis-soċjeta' rikorrenti l-imsemmija somma ta' mitejn u wieħed u sittin elf u disgħa u sittin Ewro u sittin ċenteżmu (€261,069.60) dovuta in kwantu għas-somma ta' €252,998.87 bħala bilanċ ta' debitu ta' *Aplus Account* numru 2000118188-6 u in kwantu għas-somma ta' €8,070.73 bħala bilanċ ta' debitu ta' *Interest Disposal Account* numru 3894631001-8, u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2021 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati *in solidum* bejniethom, inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru preżentat kontestwalment mar-rikors ġuramentat, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2021 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati *in solidum* bejniethom;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar is-sittax (16) ta' Novembru 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, erbatax (14) ta' Jannar 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lilll-intimati, illi

[4] Vide **Dokument Q** anness mar-rikors ġuramentat.
[5] Vide **Dokument U** anness mar-rikors ġuramentat.

ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu skont il-liġi, u sabiex jippreżentaw ukoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tad-difiża tagħhom;

5. Il-konvenuti David Nicholas Buhagiar u Maria Buhagiar ġew debitament notifikati bir-rikors ġuramentat tal-Bank rikorrenti u bid-digriet tas-sittax (16) ta’ Novembru 2021 nhar is-sitta u għoxrin (26) ta’ Novembru 2021;

6. Fis-seduta tal-erbatax (14) ta’ Jannar 2022, deher il-Bank rikorrenti rappreżentat mill-Avukat tiegħu, iżda l-konvenuti u l-Avukat tagħhom, imsejħa diversi drabi, baqgħu ma dehrux. Mill-atti ma rriżultax illi kienet ġiet intavolata risposta mill-konvenuti, u, wara illi l-Qorti semgħet il-provi illi kellu xi jressaq il-Bank rikorrenti, il-kawża tħalliet għas-sentenza;

7. Sussegwentement irriżulta lil din il-Qorti illi kienet ġiet intavolata risposta mill-konvenuti nhar it-tlettax (13) ta’ Jannar 2022. Din ir-risposta ġiet a konjizzjoni tal-Qorti u inserita fil-proċess relattiv għall-kawża odjerna biss xi jiem wara illi nstemgħet il-kawża fis-seduta tal-erbatax (14) ta’ Jannar 2022. Madanakollu xorta waħda jirriżulta lil din il-Qorti illi r-risposta hekk intavolata kienet waħda tardiva;

8. Għal kull buon fini jiġi senjalat illi, fir-risposta tardiva tagħhom, il-konjuġi Buhagiar jeċċepixxu illi:

   a. Huma qegħdin jikkontestaw il-fatti hekk kif eċċepiti mis-soċjeta’ rikorrenti;

   b. L-intimati kienu qegħdin jikkomunikaw ma’ rappreżentanti tas-soċjeta’ attriċi, u informawhom illi huma disposti jħallsu kwalunkwe arretrati dovuti, inkluż l-interessi, madanakollu wara li jiġi awtorizzat il-bejgħ mill-konvenuti lill-terzi tal-fond mertu ta’ din il-kwestjoni, u cioe 12, ‘Saint Anne’ u l-garaxx numru 14 fl-indirizz Triq Espedito Catania, Ħaż Żabbar, liema konvenju ġie rreġistrat min-Nutar Dr Jonathan Zammit;

c. L-konvenuti kienu f'komunikazzjoni diretta mas-soċjeta' attriċi u dejjem urew interess jonoraw l-obbligi tagħhom, hekk kif jirriżultaw mill-faċilitajiet finanzjarji rispettivi mertu ta' din il-kawża;

d. L-proprjeta' in kwestjoni qegħda fil-proċess illi tinbiegħ, u għalhekk kwalunkwe pretensjoni finanzjarja tas-soċjeta' APS Bank Limited (C2129) ser tiġi saldata u dan hekk kif ikunu informati uffiċjali tal-istess soċjeta' rikorrenti;

e. Il-konvenuti jikkontendu mill-fatti illi mhuwiex minnu li kisru t-terminu tal-ħlas konċess lilhom;

9. Għaldaqstant, il-konvenuti talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiċħad l-ewwel talba tal-Bank rikorrenti stante illi l-konvenuti għamlu kull tentattiv sabiex jonoraw l-obbligi tagħhom, u għalhekk bl-ebda mod ma kisru l-*events of default*;

ii. Tiċħad it-tieni talba, stante illi tali talba tmur kontra t-*terms of reference* tal-istess faċilitajiet mogħtija mis-soċjeta' APS Bank Limited.

**Il-Qorti**

10. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat ta' APS Bank plc, u d-dokumenti annessi miegħu;

11. Reġgħet rat id-digriet tas-sittax (16) ta' Novembru 2021;

12. Reġgħet rat il-verbal tas-seduta tal-erbatax (14) ta' Jannar 2022, u x-xhieda prodotta waqt l-istess seduta;

13. Reġgħet rat ir-risposta tal-konvenuti datata tlettax (13) ta' Jannar 2022, illi ġiet inserita in atti wara s-seduta tal-erbatax (14) ta' Jannar 2022, u cioe wara illi l-kawża odjerna kienet tħalliet għas-sentenza;

14. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*A. Stat ta' Kontumaċja u Risposta Tardiva*

15. Fl-ewwel lok, il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi tindirizza l-istat tal-konvenuti fil-kawża odjerna, u r-risposta ġuramentata minnhom intavolata tardivament;

16. Jirriżulta mill-atti illi r-rikors ġuramentat tal-erbgħa (4) ta' Novembru 2021 u d-digriet sussegwenti ta' din il-Qorti tas-sittax (16) ta' Novembru 2021 ġew debitament notifikati fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2021. Mit-timbru tal-Marixxall tal-Qorti jirriżulta illi kienet il-konvenuta Maria Buhagiar stess illi ġiet notifikata bid-dokumenti kollha, kemm dawk f'isimha proprju kif ukoll dawk illi kellu jiġi notifikat bihom żewġha;

17. Waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Jannar 2022, minkejja illi l-konvenuti kienu jafu illi l-kawża kienet ġiet skedata għas-smiegħ, il-konvenuti naqsu milli jattendu, jew milli, mill-inqas, jibagħtu lir-rappreżentant legali tagħhom sabiex jagħti lil din il-Qorti raġuni għall-assenza tagħhom. Dan jirriżulta anke mill-verbal tal-istess seduta;

18. Peress illi, hekk kif jirriżulta anke mill-verbal tas-seduta stess, sal-erbatax (14) ta' Jannar 2022 ma kienx jidher mill-atti illi ġiet intavolata risposta għar-rikors ġuramentat, il-Qorti għaddiet sabiex tisma' l-provi tal-Bank rikorrenti, u ddifferixxiet il-kawża għas-sentenza għas-seduta tal-lum;

19. Irriżulta sussegwentement, u cioe xi ġranet wara, lil din il-Qorti illi difatti l-konvenuti kienu ntavolaw risposta ġuramentata nhar it-tlettax (13) ta' Jannar 2022, u cioe lejlet is-seduta. Għal xi raġuni jidher illi din ir-risposta daħlet fil-proċess tal-kawża odjerna u ġiet biss a konjizzjoni tal-Qorti <u>wara</u> illi l-kawża ġiet differita għas-sentenza, u kien għalhekk illi ma sarx referenza għaliha waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Jannar 2022;

20. Referenza ssir għas-sub-inċiżi tal-**Artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** illi huma relevanti għall-każ odjern, u cioe:

> *158. (1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*
>
> *[...]*
>
> *(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madanakollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*

21. Fil-każ in eżami, ir-risposta ġuramentata ġiet ippreżentata **<u>xahar u nofs</u>** wara illi ġew notifikati bir-rikors ġuramentat il-konvenuti, u mhux fit-terminu ta' għoxrin jum dettat mil-liġi. Għaldaqstant, il-Qorti għandha kull setgħa illi tikkonsidra lill-konvenuti fi stat ta' kontimaċja, ġialadarba r-risposta ġuramentata ġiet intavolata tardivament;

22. Ai termini tas-sub-inċiż 10 tal-Artikolu 158 suċitat, iżda, il-konvenuti kellhom jingħataw il-possibilta' illi jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba illi għaliha naqsu illi jippreżentaw ir-risposta fi żmien għoxrin jum min-notifika tagħhom tar-rikors ġuramentat. Dak illi jikkwalifika bħala ġustifikazzjoni tal-kontumaċja mhuwiex dettat mil-liġi, iżda kienu diversi l-istanzi fejn il-Qrati Maltin iddealineaw kif għandu jiġi interpretat il-kliem *"raġuni tajba"*. Referenza ssir għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance***[6], fejn, b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo***[7], il-Qorti tal-Appell elenkat il-prinċipji illi huma ġeneralment ikkunsidrati bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istat ta' kontumaċja:

> *(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*
>
> *(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*
>
> *(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*
>
> *(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*
>
> *(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;*
>
> *(6) L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kulpa;*
>
> *(7) Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

---

6 Appell Ċivili Nru 126/2003/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Jannar 2005
7 Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ William Harding, 29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581)

*(8) L-impossibbilta' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkonstitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*

23. Fil-każ odjern, jirriżulta saħansitra anke mir-risposta ġuramentata tal-konvenuti stess illi huma kienu ben konxji tad-digriet ta' din il-Qorti tas-sittax (16) ta' Novembru 2021, tant illi jagħmlu referenza għalih fir-risposta tagħhom. Dan id-digriet kien fih, fost dettalji oħra, l-appuntament tas-smiegħ tal-kawża. Anke jekk għall-grazzja tal-argument il-konvenuti kellhom raġuni valida illi għaliha ddeċidew illi jaqbdu u jdaħħlu risposta tardiva qabel is-smiegħ tal-kawża, mingħajr m'anqas biss jitolbu l-permess tal-Qorti sabiex jagħmlu dan, il-Qorti hija tal-fehma illi dawn kellhom mill-inqas jidhru waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Jannar 2022 sabiex jippruvaw jiġġustifikaw ir-risposta tardiva tagħhom. Madanakollu, fl-assenza tal-kovenuti, il-Qorti la kienet konxja illi effettivament kienet daħlet risposta tardiva lejlet l-ewwel appuntament tal-kawża illi kienet għadha ma daħlitx fil-proċess, u wisq u wisq inqas kellha prova ta' kawża ġusta illi a bażi tagħha setgħet tikkonsidra l-kontumaċja bħala waħda ġustifikata. Ingħad fis-sentenza ***Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance*** suċitata illi:

> *Dan magħdud, pero', xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja <u>jidher</u> personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. <u>Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita'</u>*

*ġudizzjarja. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*

24. Fil-każ odjern, il-konvenuti rċevew ir-rikors ġuramentat u d-digriet bl-ewwel appuntament tal-kawża b'mod regolari fis-26 ta' Novembru 2021. Kellhom kull opportunita' illi, ai termini tas-sub-inċiż 10 tal-Artikolu 158, jitolbu illi jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom bil-miktub, iżda dan mhux talli m'għamluhx, iżda talli lanqas kienu preżenti għall-ewwel appuntament tal-kawża sabiex jippruvaw, mill-inqas b'mod verbali, jiġġustifikaw il-fatt illi r-risposta tagħhom ġiet preżentata tardivament, b'tali mod illi l-Qorti tkun tista' tagħmel eċċezzjoni għar-regola u tordna illi tiġi sanata l-kontumaċja;

25. Għaldaqstant, **il-Qorti m'għandha l-ebda alternattiva għajr illi tikkonsidra lill-konvenuti fi stat ta' kontumaċja, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-risposta ġuramentata minnhom intavolata tardivament**;

26. Applikabbli wkoll għall-każ odjern huwa l-**Artikolu 201 tal-Kap 12**, li jistabbilixxi illi:

*201. Jekk il-konvenut jew l-avukat tiegħu, jew, fil-kawżi quddiem il-qrati inferjuri, il-konvenut jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu, jonqos li jidher, il-kawża tista' tiġi maqtugħa skont il-liġi fuq l-atti li jkun hemm wara s-smiegħ ta' dik ix-xhieda li l-qorti tista' tqis li tkun meħtieġa, għad li huwa ma jkunx deher.*

27. Dan huwa preċiżament il-każ fil-każ odjern, fejn il-konvenuti naqsu milli jattendu għas-seduta illi huma kienu jafu biha u kienu ben konxji illi kienet sejra tinstema'. Għalhekk, wara illi din il-Qorti semgħet ix-xhieda prodotta mis-soċjeta' attriċi fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2022, u rat illi l-konvenuti ġew debitament notifikati bl-avviż tas-smiegħ tal-kawża iżda naqsu milli jidhru huma stess u/jew l-Avukat tagħhom, **il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża in eżami skont il-liġi, u dan a bażi tal-atti ppreżentati u x-xhieda prodotti mill-Bank rikorrenti, ai termini tal-Artikolu 201 tal-Kap 12 suċitat**;

28. Finalment, il-Qorti tħoss illi għandha tagħmel referenza wkoll għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co Ltd vs Philip Borg Bellanti et***[8], fejn ġie senjalat illi:

> *Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide* ***Kollez. Vol. XXIX P III p 35****;*

Il-fatt, għalhekk, illi l-konvenuti qegħdin jitqiesu bħala fi stat ta' kontumaċja, ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jintlaqgħu t-talbiet tas-soċjeta' attriċi. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabbilta' illi tindaga jekk it-talbiet tas-soċjeta' attriċi humiex ġustifikati jew le, irrispettivament mill-fatt illi l-konvenuti naqsu milli jirrispondu tempestivament għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat u milli jattendu għall-ewwel (u l-uniku) appuntament tal-kawża quddiem din il-Qorti.

*B. Il-Mertu tal-Kawża Odjerna*

[8] Appell Ċivili Nru 273/2003/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 22 ta' Ġunju 2005. Ara wkoll ***Attard Farm Supplies Limited vs Kollvik Recycling S.L.,*** Rik Ġur 649/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 30 ta' Marzu 2021 (in ġudikat)

29. Il-kawża odjerna tirrigwarda faċilita' t'*overdraft* konċessa mill-Bank rikorrenti lill-konvenuti, fl-ammont ta' €275,295. Il-Bank rikorrenti qiegħed jallega illi l-konvenuti kienu morużi fil-pagamenti tagħhom, b'dana illi kisru l-*Events of Default* kif pattwiti, u l-bilanċ ta' €261,069.60 sar dovut, mingħajr il-benefiċċju ta' żmien għall-ħlas. Għalkemm interpellati diversi drabi kemm b'ittri interpellatorji kif ukoll b'ittra uffiċjali, il-Bank rikorrenti jsostni illi l-konvenuti baqgħu inadempjenti, b'dana illi ma sar l-ebda pagament ieħor kontra dan il-bilanċ. In oltre, il-Bank rikorrenti qiegħed ukoll ifittex lill-konvenuti għas-somma ta' €8,070.73 rappreżentanti bilanċ ta' debitu ta' *Interest Disposal Account*, kif ukoll għall-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2021 sad-data tal-pagament effettiv;

30. Il-Qorti tinnota illi fil-kuntratt tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju 2021 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Jonathan Zammit, kien ġie pattwit bejn il-partijiet illi, *"The foregoing is subject to the overriding condition that if an Event of Default listed in the attached Document "A" takes place, any sum of principal and interest outstanding in favour of the Bank shall be immediately due and payable (together with all charges and expenses) and all rights appertaining to the Bank shall be exercisable, and all security shall become enforceable, forthwith. In such event the Customers shall lose the benefit of time, if any, granted to them for payment and this without the necessity of any other proceedings."*[9] L-istess kundizzjoni tirriżulta wkoll mis-*sanction letter* datata għaxra (10) ta' Mejju 2021[10], relattiva għall-faċilita' t'*overdraft* mertu ta' din il-kawża. Kemm il-kuntratt kif ukoll is-*sanction letter* ġew iffirmati mill-konvenuti stess, jiġifieri l-konvenuti kienu konxji tal-fatt illi, fl-eventwalita' illi jiksru xi kundizzjoni minn dawk elenkati fid-dokument immarkat *Events of Default*, il-bilanċ isir dovut minnufih, u jintilef il-benefiċċju ta' żmien għall-ħlas;

31. Dak illi jonqos illi jiġi indagat minn din il-Qorti huwa jekk il-konvenuti effettivament kisrux xi wieħed mill-*Events of Default* jew le. **Dokument A**

---

[9] Vide paġna 4 tad-**Dokument A** anness mar-rikors ġuramentat.
[10] Vide paġna 3 tad-**Dokument B** anness mar-rikors ġuramentat, taħt il-kap *'Repayment'*.

anness mal-kuntratt tat-23 ta' Lulju 2021[11] jagħmilha ċara illi waħda mill-*Events of Default* tikkonsisti f' *"(b) any failure of the Borrower/s to pay any sum due whether of principal, interest, fees or charges due by the Borrower/s under the deed granting the facility and/or the relative sanction letter/s and in the manner stipulated in the said deed and/or sanction letter/s*." L-istess kundizzjoni ġiet delineata wkoll fl-Attachment B mas-*sanction letter* datata 10 ta' Mejju 2012, f'paragrafu numru 3[12]. Il-firma tal-konvenuti fuq iż-żewġ dokumenti jindikaw illi l-konvenuti kienu ben konxji wkoll tal-fatt illi, fil-każ illi jkunu morużi f'xi pagament mensili, dan kien ser jikkostitwixxi *Event of Default*, per konsegwenza ta' liema l-bilanċ isir dovut minnufih u jintilef il-benefiċċju ta' żmien għall-ħlas kif spjegat aktar 'il fuq;

32. Mill-*istatements* esebiti mill-Bank rikorrenti[13], jidher ċar illi l-aħħar depożitu fil-kont bankarju in kwestjoni sar fit-tlettax (13) ta' Marzu 2020. Sa Settembru 2018 jidher illi kienu qed isiru xi forma ta' pagamenti. Huwa minnu illi kien hemm xhur fejn il-konvenuti kienu morużi fil-pagamenti tagħhom, iżda jidher illi wara illi ġew notifikati darbtejn illi kienu morużi fil-pagamenti tagħhom[14], il-kovenuti rregolaw il-pożizzjoni tagħhom u ddepożitaw il-pagamenti relattivi. Minn Settembru 2018 sa Novembru 2019, ma saru l-ebda pagamenti, iżda jidher illi wara l-ittri interpellatorji datati 3 t'Ottubru 2019[15] u 5 ta' Novembru 2019[16], il-konvenuti għal darb'oħra fittxew illi jirregolaw irwieħhom u reġgħu għamlu pagament fl-aħħar ta' Novembru 2019. Madanakollu, il-konvenuti reġgħu kienu morużi fil-pagamenti tagħhom f'Diċembru 2019 u Jannar 2020, b'dana illi l-Bank rikorrenti bagħat l-ittra interpellatorja datata 20 ta' Jannar 2020[17]. Wara illi saru pagamenti fi Frar u Marzu tas-sena 2020, il-konvenuti ma reġgħu għamlu l-ebda pagament ieħor. Permezz t'ittra datata 11 ta' Jannar 2021, il-Bank rikorrenti innotifika lill-konvenuti illi l-faċilita' bankarja lilhom

---

[11] Kuntratt anness bħal **Dokument A** mar-rikors ġuramentat

[12] *Sanction Letter* annessa bħala **Dokument B** mar-rikors ġuramentat.

[13] Vide **Dokument Q** anness mar-rikors ġuramentat.

[14] Vide ittra datata 7 ta' Lulju 2018 annessa bħala **Dokument D** mar-rikors ġuramentat, u ittra datata 7 t'Awwissu 2018 annessa bħala **Dokument E** mar-rikors ġuramentat.

[15] Vide **Dokumenti F u G** annessi mar-rikors ġuramentat

[16] Vide **Dokument H** anness mar-rikors ġuramentat

[17] Vide **Dokumenti J u K** annessi mar-rikors ġuramentat.

konċessa kiener ser tiġi terminata[18], iżda l-konvenuti baqgħu ma ħallsux il-bilanċ minnhom dovut, u dan minkejja illi jidher illi ġew interpellati sabiex jagħmlu dan kemm permezz t'ittra bonarja datata 4 ta' Marzu 2021[19], kif ukoll permezz tal-ittra uffiċjali numru 3525/2021 datata 24 t'Awwissu 2021. Għalkemm l-*istatements* esebiti mill-Bank rikorrenti iwasslu biss sal-aħħar ta' Ġunju 2021, **<u>Cherly Azzopardi</u>**, *Senior Officer* fir-*Recoveries Unit* tal-Bank rikorrenti, tikkonferma bil-ġurament tagħha illi *"ma saru l-ebda depożiti minn mindu sar ir-rikors ġuramentat"*, u li *"t-talba tal-Bank hija ta' €261,069.60 bl-imgħax dovut mill-ewwel ta' Lulju 2021"*[20]*;*

33. Din il-Qorti hija tal-fehma illi jirriżulta ampjament pruvat, iswed fuq abjad, illi l-konvenuti naqsu milli jagħmlu pagamenti mensili kif obbligaw rwieħhom illi jagħmlu meta ġew konċessi l-faċilita' t'*overdraft* mill-Bank rikorrenti. Lanqas jistgħu l-konvenuti jsostnu illi ma kinux konxji tal-fatt illi kienu morużi fil-pagamenti tagħhom, stante illi fil-maġġor parti tagħhom, l-ittri interpellatorji waslulhom permezz ta' posta reġistrata, u kien hemm anke reazzjoni għall-istess ittri min-naħa tal-konvenuti stess permezz ta' pagamenti *one-off* wara kull ittra li ntbagħtet sa Marzu 2020. In oltre, l-ittra uffiċjali numru 3525/2021 ġiet notifikata lir-rikorrenti fis-7 t'Ottubru 2021, filwaqt illi r-rikors ġuramentat odjern ġie intavolat fl-4 ta' Novembru 2021, jiġifieri l-konvenuti kienu wkoll konsapevoli tal-fatt illi l-Bank rikorrenti kien ħa azzjoni ġudizzjarja fil-konfront tagħhom. Madanakollu, il-konvenuti baqgħu ma rregolawx il-pożizzjoni tagħhom. Għaldaqstant, il-Qorti ssib illi l-konvenuti kisru l-*Events of Default* illi bihom huma kienu ntrabtu, b'dana illi l-**<u>ewwel talba tal-Bank rikorrenti tirriżulta sodisfaċentement pruvata</u>**;

34. F'dik illi hija s-somma dovuta mill-konvenuti lill-Bank rikorrenti, ġie wkoll pruvat għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi l-bilanċ dovut huwa fl-ammont ta' €252,998.87, kif ukoll illi l-bilanċ ta' debitu ta' *Interest Disposal Account* huwa ta' €8,070.73, u dan kemm mill-*istatements* annessi mar-rikors ġuramentat, kif ukoll mix-xhieda ta' Cherly Azzopardi suriferita. Peress illi

[18] Vide **Dokument I** anness mar-rikors ġuramentat.
[19] Vide **Dokumenti N u O** annessi mar-rikors ġuramentat.
[20] Xhieda mogħtija viva-voce waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar 2022.

jirriżulta wkoll pruvat illi ma sar l-ebda pagament mill-1 ta' Lulju 2021 'il quddiem, din il-Qorti hija sodisfatta illi għandhom jiddekorru wkoll interessi ulterjuri minn din id-data sad-data tal-effettiv pagament. Konsegwentement, **it-tieni talba tal-Bank rikorrenti għandha wkoll tiġi milqugħa**.

**Decide**

35. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tilqa' l-ewwel talba** tal-Bank rikorrenti, u għalhekk tiddikjara illi l-konvenuti konjuġi Buhagiar huma morużi u inadempjenti fil-konfront tal-Bank rikorrenti, u għalhekk il-konvenuti tilfu kull benefiċċju tat-terminu lilhom konċess;

(ii) **Tilqa' t-tieni talba** tal-Bank rikorrenti, u għalhekk tordna lill-konvenuti *in solidum* iħallsu lill-Bank rikorrenti s-somma ta' €261,069.60, oltre interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2021 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-Mandat ta' Sekwestru preżentat kontestwalment mar-Rikors Ġuramentat odjern jitħallsu mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**